**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottoressa Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Cit. Nru. 1/1988 MV**

**Rosa mart Paul Falzon ta' 164, Triq San Blas, Nadur, u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2008 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Joseph Falzon ta' Qalb ta' Gesu, Triq Ghajn Qaghtet, Rabat, Maria Falzon f'isimha proprju u f'isem ohtha Rita Ellul ta' 50, Triq Grunju, Nadur, Grace Falzon ta' 88, Triq ir-Ramla, Nadur, Bernard Falzon ta' 163, Triq San Blas, Nadur, u Carmelo Falzon ta' New York, Triq San Blas, Nadur[1], Joseph Borg li miet fil-mori tal-kawza u b'digriet tat-22 t'April 2002 l-atti gew trasfusi f' isem Sonia mart Joseph Busuttil ta' 81, Triq Sir Luigi Camilleri, Victoria, u Jan Borg ta' Borg Flats, Flat 2, Triq il-Qala, Nadur[2], f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefer Michael Borg li miet fil-mori tal-kawza u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2008 il-gudizzju gie trasfuz minn isem Michael Borg ghal fuq isem martu Anna Borg[3], u Peter Paul Borg f'ismu**

[1] Folio 237 u 245 tal-process.
[2] Folio 171 u 173 tal-process.
[3] Folio 246 tal-process.

**proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefer Bernard Borg, u Guseppe Borg li miet fil-mori tal-kawza u l-atti gew trasfuzi f'isem Bernarda Borg, Margaret Portelli u Grace Camilleri[4], Pietro Paulo Borg miet fil-mori tal-kawza u l-atti gew trasfuzi f'isem Emanuel Borg, Joseph Borg, Theresa Camilleri, Bernarda Cauchi u Carmelo Borg[5].**

**Vs.**

**Angela mart Anthony Scerri u b'digriet tal-10 ta' Novembru 1988 l-atti gew trasfuzi f'isem Joseph Xerri, Helen Cutajar, Bernard Xerri u Anthony Xerri bhala armel taghha u dan peress illi l-konvenuta Angela mart Anthony Scerri mietet fil-mori tal-kawza.[6]**

**Illum 07 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata quddiem din il-Qorti ta' Rose mart Paul Falzon et nhar l-4 ta' Jannar 1998 li taqra s-segwenti:

[4] Folio 203 tal-process.
[5] Folio 231 tal-process.
[6] Folio 44 u 49 tal-process.

“Peress illi fil-wiehed u ghoxrin ta’ Dicembru tal-ef disa’ mija u tlieta u sittin (21-12-1963) mietet fin-Nadur, Ghawdex, Grazia Borg mart Bernard, omm il-kontendenti, u bint il-mejtin Joseph Camilleri u Rose nee' Borg, imwielda u kienet toqghod in-Nadur, Ghawdex;

U peress illi fid-dsatax ta’ Frar tal-elf disa’ mija u tmienja u sebghin (19-12-1978) miet fin-Nadur, Ghawdex Bernard Borg, gia armel ta' Grazzia, missier il-kontendenti, u bin il-mejtin John Mary Borg u Angela nee’ Vella, mwieled in-Nadur, Ghawdex, fejn kien joqghod;

Peress illi fit-tnax ta’ Settembru tal-elf disa’ mija sitta u hamsin (12-09-1956) fil-Pieta, Malta miet Giovanni Maria Borg, hu l-kontendenti, u bin ‘il fuq imsemmija Bernard Borg u Grazia Camilleri u li l-istess kellu tlett ulied u cioe lil Peter Paul, Bernard u Joseph;

Peress illi l-konjugi Bernard u Grazia Borg irregolaw il-wirt u s-succesjoni taghhom b'testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tal-erba u ghoxrin ta’ Ottubru tal-elf disa’ mija tlieta u hamsin (24-10-1953) filwaqt illi l-imsemmi Bernard Borg ghamel testment iehor wahdu fl-atti tan-Nuat Dottor Giuseppe Cauchi fit-tlieta ta’ Novembru tal-elf disa mija u sebghin (3-11-1970);

Peress illi l-kontendenti jipposjedu in komun bejniethom diversi beni provenjenti mill-wirtijiet imsemmija;

Peress illi l-atturi ma jixtiqux jibqghu fi stat ta' kommunjoni u minkejja t-tentattivi taghhon ghall-qasma, il-konvenuta qeghda. tirrifjuta li ssir il-qasma;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ma ghandhiex dina 1-Qorti:-

1. Tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn l-imsemmija Bernard u Grazia Borg, billi tigi ddikjaratha li tikkonsisti f'dawk il-beni li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. Taqsam l-istess kommunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati porzjon lill-assi ereditarji ta' Bernard Borg u l-iehor lill-assi ereditarji ta' Grazzia Borg;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Bernard Borg billi jigu ddikjarati li jikkonsistu f'nofs il-kommunjoni tal-akkwisti kif likwidata u f'dawk il-beni u sustanzi ohra li jirrizultaw fil-kors tas-smiegh tal-kawza, bhala parafernali tieghu;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Grazia Borg billi jigu ddikjarati li jikkonsistu f'nofs il-kommunjoni tal-akkwisti kif likwidata u f'dawk il-beni u sustanzi ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza, bhala parafernali taghha;

5. Taqsam l-assi msemmija f'sitt porzjonijiet ugwali li jigu aspenjati lil kull wiehed u wahda mill-kondividenti minbarra l-ahwa Peter Paul Borg, Bernard u Josep ulied il-mejjet Gio Maria 1i bejniethom jridu jiehdu sehem wiehed;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportune ta' likwidazzjoni u divizjoniu kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

7. F'kaz li jirrizulta li l-beni msemmija jew uhud minnhom ma humiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh taghhom in licitazzjoni, bl-ammissjoni ta' obblitauri estranei.

Bl-ispejjez."[7].

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Angela Scerri li eccepiet[8]:

"(1) Illi hija ma topponix ruhha ghat-talbiet attrici, purche d-divizjoni ssir a bazi u skond id-disposizzjonijiet testamentarji tal-genituri tal-kontendenti, jew rispettivi nanniet taghhom u senjatament ghab-bazi tat-testment maghmul minn Bernard Borg fit-tlieta ta' Novembru elf disa' mija sebghin, fejn fl-ewwel artikolu dan iddispona illi min mill-eredi tieghu ikun obbligat jikkollazzjona xi fond immobiljari ghad-divizjoni kompriz dak imholli akkont ta' sehemha lil bintu Angela mart Toni Xerri "ikun obbligat iressaq l-istess fondi bil-valur taghhom li kellhom fl-okkazzjoni meta l-imsemmija Angela Xerri haditu b'dota minghajr skrittura l-lok in-Nadur, Ghawdex fi Triq il-Mithna l-Qadima msemmi fl-istess hames artikolu tat-testment tal-24 ta' Ottubru 1953".

[7] Folio 1 u 2 tal-process.
[8] Folio 38 tal-process.

2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil fatt."

Rat li waqt is-seduta tat-28 ta' April 1998 il-partijiet iddikjaraw:

**'Il-partijiet jaqblu li l-vertenza li trid tigi deciza minn din il-Qorti, hija dwar il-validita' o meno tal-kitba ta' transazzjoni tad-29 ta' Ottubru 1988.'**[9]

Rat li l-partijiet talbu bis-sahha ta' verbal datat 24 ta' Frar 2011 sentenza in parte fuq jekk il-fond numru 8A, Triq il-Mithna, Nadur jifformax parti mill-assi in divizjoni tal-mejtin Bernard u Grazia konjugi Borg.[10]

Rat li din il-Qorti kif diversament ippreseduta per l-allura Magistrat Dottor Paul Coppini ddecidiet nhar l-4 ta' Ottubru 2013[11] li l-fond numru 8A, Triq il-Mithna, Nadur jifformax parti mill-assi in divizjoni tal-mejtin Bernard u Grazia konjugi Borg, bis-sahha tal-preskrizzjoni trentennali, fl-epoka tal-mewt taghhom. Ma kien hemm l-ebda htiega li ssir kawza ohra *ad hoc* sabiex tigi determinata din il-kwistjoni tal-preskrizzjoni gialadarba l-istess kwistjoni tqajjmet mill-konvenuti prezenti biss, u mhux minn min suppost kellu interess li jirreklama dan il-fond ghalih, u cjoe' l-eredi tal-imsemmi Michele Camilleri. Ghalhekk fid-divizjoni proposta b'din il-kawza l-istess fond ghandu jigi nkluz ma' l-assi tal-konjugi Borg, bil-kundizzjonijiet stipulati fit-testmenti taghhom, b'tali mod li l-kuntratt imsemmi ta'

[9] Folio 154 tal-process. Irid jigi ipprecizat li waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 1992 quddiem il-perit tekniku a folio 81 u 82 tal-process '**Dr. Michael Grech ghall-patrocinati tieghu qieghed jikkontesta l-validita' ta' din l-iskrittura billi Michael Borg ma kien rapprezentat minn huh Joseph Borg izda dan kellu il-prokura favur in-neputi tieghu Joseph Borg iben John Mary. Fit-tieni lok Bernard u Joseph ahwa Borg ulied John Mary, qatt ma awtorizzaw lil huhom Peter Paul Borg biex jidher ghalihom.**'

[10] Folio 461 tal-process.

[11] Folio 585 tal-process. Kopja tas-sentenza *in parte* ma hawnx fil-process.

donazzjoni tal-2011 m'ghandu jkollu ebda effett ghal fini ta' l-istess divizjoni.[12]

Din il-Qorti tinnota illi l-imsemmija sentenza ma hiex inserita in atti u konsegwentament ghall-integrita tal-atti u tal-gudizzju tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imsemmija sentenza in parte tigi inserita minnu fih u ghal dan il-ghan tordna komunika ta' din is-sentenza lill-istess Registratur. Ghal kull buon fini jigi dikjarat illi din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-istess sentenza u dan in vista tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi l-Qorti tista' tiehu konjizzjoni ta' kull att ufficcjali tal-Qorti anke ta' dawk illi ma jkunux inseriti in atti, stante li dawn huma kunsidrati atti ufficcjali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ppreseduta mis-Sinjorija Tieghu il-Prim Imhallef Silvio Camilleri, flimkien mal-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo u l-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri, datata 18 ta' Frar 2016 fejn l-appell tal-konvenuti mill-imsemmija sentenza gie michud u d-decizjoni appellata giet ikkonfermata *in toto*.[13]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u l-provi kollha mressqa mill-partijiet.

---

[12] Folio 590 tal-process.
[13] Fol 669 tal-process.

Rat li l-partijiet ma ghamlu l-ebda sottomissjonijiet finali.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi din il-kawza tirrigwarda d-divizjoni tal-wirt ta' Grazzia u Bernard Borg mill-kontendeti li originarjament huma ilkoll ulied tal-imsemmijin konjugi Borg u wara li gew nieqsa uhud fosthom matul il-proceduri illum huma d-dixxendenti taghhom u l-aventi kawza taghhom.

Grazzia Borg mietet fil-21 ta' Dicembru 1963 filwaqt li Bernard Borg miet fid-19 ta' Frar 1978. Huma kellhom wild, Giovanni Maria Borg, li pero' miet qabilhom, ossija, fit-12 ta' Settembru 1956.

Bernard u Grazzia Borg kienu ghamlu testment *unica carta* nhar l-24 ta' Ottubru 1953 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi. Fit-3 ta' Novembru 1970 l-imsemmi Bernard Borg ghamel testment iehor ghand l-istess nutar.

**It-Talbiet u l-Eccezzjonijiet fil-Qosor**

It-talbiet tal-attur in succint huma:

1. Li tigi illikwidata l-kommunjoni tal-akkwisti ta' Bernard u Grazia Borg;
2. Li din il-komunjoni tinqasam f'zewg porzjonijiet ugwali;
3. Tillikwida l-assi parafernali ta' Bernard Borg;

4. Tillikwida l-assi parafernali ta' Grazia Borg;
5. Taqsam l-assi imsemmija f'sitt porzjonijiet ugwali li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kondividenti minbarra l-ahwa Peter Paul, Bernard u Joseph Borg ulied il-mejjet Gio Maria Borg li bejniethom jridu jiehdu sehem wiehed;
6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun;
7. F'kaz li l-beni mhux komodament divizbbli tordna l-biegh taghhom in licitazzjoni, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei.

L-intimata minn naha taghha taqbel mat-talbiet attrici basta dawn isegwu dak li hemm fid-disposizzjonijiet testamentarji ta' Bernard Borg datat 3 ta' Novembru 1970 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi fejn fl-ewwel artikolu iddispona illi min mill-eredi tieghu ikun obbligat jikkollazzjona xi fond immobiljari ghad-divizjoni kompriz dak imholli ta' sehemha lil bintu Angela mart Toni Xerri, ikun obbligat iressaq l-istess fond bil-valur taghhom li kellhom fl-okkazzjoni meta l-imsemmija Angela Xerri hadet b'dota minghajr skrittura l-lok fin-Nadur, Ghawdex, fi Triq il-Mithna il-Qadima, msemmi fl-istess artikolu tat-testment tal-24 ta' Ottubru 1953'.

**Ikkunsidrat:**

**Provi:**

Mill-atti jirrizultaw is-segwenti dokumenti:

1. Testement unica carta li sar bejn Bernard u Grazia Borg quddiem in-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi folio 9 sa 14 tal-process.
2. Testment ta' Bernard Borg quddien in-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi a folio 15 sa 16 tal-process.
3. Elenku tal-assi ta' Grazzia Borg jinsab a folio 17 sa 19 tal-process.

4. Elenku ta' l-assi ta' Bernard Borg jinsabu elenkati a folio 20 sa 27 tal-process.

Fit- 12 ta' Ottubru 1989 din il-Qorti kif diversament ppreseduta hatret lill-**perit tekniku AIC Emanuel Vella** sabiex ihejji **rapport** u jirrelata fuq it-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta. Permezz ta' verbal tas- 26 ta' Jannar 1993 dik il-Qorti kienet ordnat lill-perit tekniku biex jaghmel komputazzjoni mill-gdid tal-valur ghas-sodisfazzjon taz-zewg partijiet.[14] A folio 74 il-perit tekniku ezebixxa stima tal-projeta' numru 8A, Triq il-Mithna l-Qadima Nadur, Ghawdex kif ukoll stima tal-art fabrikkabli f'Ta' Kalkanja limiti tan-Nadur, Ghawdex. Ezebixxa ukoll a folio 75 sa 77 abbozz ta' skrittura bejn il-partijiet fuq tali qasma.

Xehed **Joseph Borg** nhar is-16 ta' Gunju 1995 jghid li missieru kien jismu John Mary Borg u li f'dawn l-atti hu ghandu l-prokura biex jidher ghal zijuh Mikiel Borg li joqghod l-Awstralja. Isostni li waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 1988 li saret ghand l-avukat Dr. Franz Refalo ma kien awtorizza lil hadd biex jidher f'loku. Lanqas lil Mikiel Borg li hu kellu l-prokura tieghu. Jghid li Joseph Borg li kien deher fuq l-iskrittura f'ismu u f'isem Mikiel Borg ma kienx awtorizzat. Meta sar jaf bl-iskrittura hu kien informa lil hutu li ma kienx jaqbel maghha. Jghid li hu ma infurmax b'dan lill-konvenuti Xerri. Jghid li sar jaf bl-iskrittura ftit taz-zmien wara li saret. [15] Jghid li hu qatt ma attenda ghal xi seduti fl-ufficju ta' Dr. Carmelo Galea.

Xehed **Joseph Borg** nhar il-5 ta' Novembru 1996 u jghid li kienu iffirmaw karta ghand l-avukat Franz Refalo u li f'dik l-okkazjoni ma kienx iffirma kulhadd. Jghid li huh Michael Borg dik il-habta kien imsiefer u ghadu

[14] Folio 72 tal-process.
[15] Folio 46 tal-process.

imsiefer sal-lum. Jghid li hu qatt ma kellu prokura ghalih u li kien jidher ghalih Joseph Borg it-tifel ta' huh Gamri.[16]

Kontro-ezaminat jghid li ghad Dr. Refalo iltaqghu madwar 8 snin ilu. Dr. Refalo kien dak iz-zmien l-avukat tieghu. Jghid li kien jisma' hafna ahjar milli jisma' illum. Isostni li Dr. Refalo kien gabar l-informazzjoni minn ghandhom qabel ma beda jikteb l-iskrittura. Ma jiftakarx li kien qal lill-Dr. Refalo li kien qallu biex inizzel li hu kien qed jidher ghan-nom ta' huh Michael Borg. Jaqbel li dik l-iskrittura kienet inqrat lilhom qabel ma iffirmawha u ma jiftakarx li qal lil Dr. Refalo li kien hemm zball f'dik l-iskrittura, ossija, li ma kienx qed jidher ghal Michael Borg. Ma jafx x' kienu fthiemu pero' jiftakar li kien iffirmaha.

Ma jiftakarx li xi hadd qallu biex jiffirma a nom ta' Michael u hu iffirma ghalih personali.

Xehed **Joseph Borg**[17] u jghid li hu ghal dik l-iskrittura ma kienx prezenti.[18] Jghid li hu kien Ghawdex. Jghid li hu ghandu l-prokura ta' Michael Borg li jigi zijuh. Hu qatt ma awtorizza lil hadd jiffirma f'ismu. Ma kien jaf b' xejn u sar jaf wara minghand huh Peter Borg fejn qalulu li iffirmaw xi haga. Hu qatt ma ta l-kunsens tieghu.

Kontro-ezaminat jghid li hu sar jaf bl-iskrittura wara xi hmistax. Hu ma ghamel xejn. Hu hadd ma qallu xejn u hu ma ghamel xejn. Jghid li qal lil

[16] Folio 101 tal-process.
[17] Dan hu in-neputi tax-xhud l-iehor Joseph Borg.
[18] Folio 103 tal-process.

huh li ma jaqbilx maghha ghax ma kinitx vantagguza ghalih. Jghid li huh ma tax kasu. Isostni li ma awtoriazza lil hadd jiffirma ghalih.

Kontro-ezaminat qal li huh ma qallux li iffirma ghalih. Spjegalu xi haga biss u fil-pront qallu li ma kinitx vantagguza ghalih.

Qal li ma marx ghand l-avukat Refalo biex jara din l-iskrittura x' kienet. Ma tahiex importanza. Injoraha totalment. Huh ma qallu xejn li iffirma ghalih.[19]

Michael Grech jghid li hu iffirma f' ismu biss. Qal li hu ma kellu prokura ta' hadd. Jghid li hu ghandu zewg hutu. Benny imsiefer u Giuseppe hawn. Bernard kien imsiefer imma ma jafx jekk kellux prokuratur hawn. Giuseppe qatt ma ghamel prokura lilu.[20] Ma jafx li sar xi diskors qabel il-laqgha.

Kontro-ezaminat jghid li jaf b din il-kawza. Ma jafx li ipprezentaha hu. Ma jidhirlux li huh Bernard ghandu prokura favurih. Jghid li l-prokura in atti insieha. Jghid li hu dak in-nhar iffirma ghalih biss. Jiftakar il-process li bih gie iffirmat id-dokument ghand Dr. Refalo. Jiftakar li waqt li inkitbet l-avukati qaghdu isaqsuhom u hadmu l-kwoti. Isostni li hu iffirma ghalih biss. Jishaq li ma qalulux biex jiffirma ghal Benny Borg. Isostni li l-avukati ma qalulux li kien ser jiffirma ghal huh. Jghid li dak li fthiemna dak in-nhar nesa kollox. Ma jiftakarx il-prokura pero' zgur li ma iffirmax ghan-nom ta' huh[21].

Xehed **Anthony Scerri** li jghid li huma iltaqghu ghand l-avukat Refalo li kien jassistihom u qalilhom li kien hemm wiehed nieqes u qalulu li ha

[19] Folio 109 tal-process.
[20] Folio 112 tal-process.
[21] Prokura dok J a folio 33.

jaghmlu kollox huma.[22] Jghid li Guzepp Borg kien nieqes. Jghid li kienu waslu ghac-cifra ta' disa' mitt Lira Maltin (LM 900).

Kontro-ezaminat jghid li ma jiftakarx minn kien l-avukat tan-naha l-ohra.

Xehed **Bernard sive Benny Xerri** li jghid li jaf li l-atturi kellhom jassistihom lill-avukat Refalo. Jghid li hu attenda ghand l-avukat Refalo.[23] Jghid li mar ma' missieru u mal-kumplament ta' hut ommu. Jghid li Joseph Borg, iz-ziju l-iehor kien hemm. Jghid li kien hemm ukoll l-avukat li kien jassisti lilhom, Carmelo Calea u l-avukat tal-parti l-ohra Dr. Refalo. Jaf li kienu waslu ghal ftehim, unsaret skrittura. Jghid li kien hemm xi uhud li ma kinux hemm imma dehru xi uhud ohra ghalihom. Jghid li Peter Paul Borg iffirma ghal huh. Jghid li ghal Michael Borg ma iffirma hadd...ma jafx. Gie muru l-iskrittura PV 2 (fil-fatt hija EV 2 a folio 75 sa 77 tal-process)[24] . Jghid li l-fthiem gie iffirmat u jghid li kien hemm min iffirma ghal xi hadd iehor, Peter Paul Borg. Isostni li kulhadd kien jaf u ommu kienet ser tiehu l-post 8A, Old Mill Street u kellha thallas xi disa' mitt Lira Maltin (LM 900). Jghid li r-raba' li tinsab fi Triq San Blas u tidhol ghaliha mill-Qortin kellhom jehduha il-parti l-ohra. Kellu jixtriha Joseph Borg. Jghid li z-ziju Joseph Borg kien sab lill-missieru u qallu li hassru kollox ghax ma kienx sewwa. Isostni li id-disa' mitt Lira Maltin (LM 900) kienu waslu ghaliha bi ftehim.

Kontro-ezaminat jghid li l-iskrittura kienet ippreparata minn qabel u kulhadd kien jaf ghalxiex gej. Ma jafx jekk kienx hemm prokura. Min kien hemm kien jidher ghalih innifsu u jaf x' kien qed jaghmel. Min ma kienx hemm ma jafx jekk kienx jaf bil-ftehim. Jghid li ma kienx hemm min ghamel tajjeb

[22] Folio 120 tal-process.
[23] Folio 137 tal-process.
[24] Folio 139 tal-process.

ghal haddiehor. Jghid li hu jigi hu Joseph Borg. Ma jafx min kien qed jidher ghal Michael Borg. Dan tal-ahhar jahseb li imsiefer. Peter Paul Borg jahseb li iffirma ghal kulhadd. Jiftakar li l-Perit Emanuel Vella kien ordnat bil-Qorti biex jaghmel l-istejjem. Jghid li l-Perit hallewh jidhol fil-fond ghax kien hemm ordni tal-Qorti.[25]

Ri-ezaminat jghid li huma dejjem sostnew li l-ftehim li kien intlahaq baqa' jorbot. Il-Perit thalla jidhol bil-kundizzjoni li l-ftehim kien jorbot.

Micheal Borg ipprezenta dikjarazzjoni a folio 152 fejn qal li l-ftehim milhuq ma japprovahx ghax mhux vantagguz ghalih u hu qatt ma gie ikkonsultat. Jghid li l-unika rapprezentant tieghu fil-kawza huwa in-neputi tieghu Joseph Borg K.I. 70939G u ghalhekk hu biss kellu id-dritt jiffirma f'ismu dokumenti in konnessjoni mal-kawza.

**Ir-Reverendu Dr. Franz Refalo** jghid li hu kien f'xi zmien jippatrocina lill-atturi u jaghraf id-draft tal-iskrittura a folio 75,76 u 77 tal-process u jghid li saret mill-printer tieghu. Ma jafx jekk l-iskrittura gietx iffirmata jew le. Ma jiftakar xejn aktar dwar min iffirma kif hemm indikat fl-iskrittura.[26]

Giet prezentata nota mill-atturi tal-beni ta' Bernard Borg u Grazia Borg li taghhom qed tintalab id-divizjoni.[27] Ezebew ukoll arblu tar-razza li eventwalment gie emendat permezz ta' nota ohra pprezentata fit-23 ta' April 2009.[28]

[25] Folio 148 tal-process.
[26] Folio 163 tal-process.
[27] Folio 253 sa 274 tal-process.
[28] Folio 283 sa 285 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qabel xejn trid tippreciza li hija ha tezamina l-atti in relazzjoni mat-talbiet u xejn aktar. Dan qed jinghad in vista u fl-isfond ta' dak li giet ivverbalizzat waqt is-seduta tat- 28 ta' April 1998 fejn il-partijiet iddikjaraw:

**'Il-partijiet jaqblu li l-vertenza li trid tigi deciza minn din il-Qorti, hija dwar il-validita' o meno tal-kitba ta' transazzjoni tad-29 ta' Ottubru 1988.'**[29]

Kif jixhdu l-atti kemm qabel ma bdiet il-kawza kif ukoll fil-mori tal-kawza kien hemm diversi differimenti u tentattivi biex il-partijiet isibu kompromess gust u ekwu bejniethom pero' tali tentattivi sfaxxaw fix-xejn. Issa jirrizulta li (1) l-iskrittura li hemm referenza ghaliha fil-verbal tat-28 ta' April 1998 ma taghmel parti mill-ebda talba u (2) l-imsemmija skrittura ma hija iffirmata minn hadd u konsegwentament il-valur probatorju taghha huwa biss qua abbozz u xejn aktar.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti jidhrilha li l-artikoli tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta relevanti ghal din il-vertenza huma is-segwenti:

---

[29] Folio 154 tal-process. Irid jigi ipprcizat li waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 1992 quddiem il-perit tekniku a folio 81 u 82 tal-process '**Dr. Michael Grech ghall-patrocinati tieghu qieghed jikkontesta l-validita' ta' din l-iskrittura billi Michael Borg ma kien rapprezentat minn huh Joseph Borg izda dan kellu il-prokura favur in-neputi tieghu Joseph Borg iben John Mary. Fit-tieni lok Bernard u Joseph ahwa Borg ulied John Mary, qatt ma awtorizzaw lil huhom Peter Paul Borg biex jidher ghalihom.**'

**683.Kull dispożizzjoni ta' testment, sew jekk tkun saret taħt l-isem ta' istituzzjoni ta' werriet, sew taħt l-isem ta' legat, kemmu koll taħt kull isem ieħor, għandha effett, basta li tkun imfissra b'mod li l-volontà tat-testatur tista' tiġi magħrufa, u ma tkunx kuntrarja għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi.**

**648. Biex jiġi stabbilit kemm għandu jkun dan it-tnaqqis, għandhom jitħarsu dawn ir-regoli li ġejjin:**

**(a) għandha ssir ġabra tal-beni kollha li jkun hemm fiż-żmien tal-mewt tat-testatur, wara li jinqatgħu minnhom id-djun;**

**(b) il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni għandhom imbagħad jiġu mgħaqqdin magħhom b'kalkolu biss, skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni...**

**............................................................**

**652. Iżda, kull meta t-testatur ikun iddikjara espressament li l-volontà tiegħ]u hija illi xi dispożizzjoni għandu jkollha effett bi preferenza fuq l-oħrajn, din il-preferenza għandha sseħħ, u kull dispożizzjoni bħal din ma tiġix imnaqqsa ħlief f'daqs kemm il-valur tal-ħwejjeġ imdaħħlin fid-dispożizzjonijiet l-oħra ma jkunx bizżejjed biex ilaħħaq is-sehem mogħti mil-liġi**

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-volonta' tat-testatur fis-sentenza **Connie mart Anthony Galea et vs Joseph Grima et** (Cit. Nru. 149/94 AJM) deciza mill-Qorti tal-Appell per S.T.O. Prim Imhallef Noel V. Arrigo flimkien mal-Onorevoli Imhallef Joseph Filletti u l-Onorevoli Imhallef Francesco Depasquale stqarret:

***10. Huwa minnu li bhala norma meta l-kliem f'testment jew f'kuntratt, xi jkun, ikun car u inekwivoku m'huwiex lecitu li dan jigi sostitwit bl intruzjoni ta' fatti cirkostanzjali. Dan hu hekk ghax proprju kif inghad f'sentenza citata mill-appellanti fin-nota ta' sottomissjonijietipprezentata minnhom quddiem l-Ewwel Qorti (ara decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppe Axiak vs Antonio Axiak" moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Frar 1945). , "F'materja ta' interpretazzjoni testamentarja, meta d-disposizzjoni hija cara ghandha tircievi l-esekuzzjoni taghha bhala ligi li t testatur ried jimponi, u mhux permess li ssir interpretazzjoni tal-volonta' tat-testatur hlief meta l-kliem minnu uzat ikunu certament kuntrarju ghall-volonta' tieghu" (sottolinear tal-Qorti). Mis-suespost johrog li fejn ma hemmx ambigwita' fil-kliem tat-testment, dak li jinghad hu dak li ghandu jipprevali u jorbot. Dan ir-ragjonament isegwi 'l-principju fondamentali ta' l-ermenewtika li "ubii nulla ambiguitas verborum est faciende voluntatus questio".[30]***

L-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Costantino Muscat et vs Nazzareno sive Reno Muscat et** (App. Civili Nru. 592/1996/2) deciz nhar l- 1 ta' Ottubru 2004 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano flimkien mal-Onorevoli Imhallef Joseph D. Camilleri u l-Onorevoli Imhallef Joseph A. Filletti intqal is-segwenti:

***13. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm huwa minnu, kif gie sottomess mill-parti appellanti, li l-gudikant ghandu jiehu rigward pjuttost ghall-volonta` tat-testatur milli ghall kliem uzat (hekk ara d-decizjoni in re: "T. Vella u M. A. Vella et", Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Novembru, 1954, u ohrajn), fl-istess waqt trid ukoll taghti konsiderazzjoni, billi issegwi l-principju l-***

[30] Pagna 9 u 10 tas-sentenza.

***iehor xejn anqas importanti (hekk ara decizjoni in re: "F. Grima et vs. V. Borg", Prim Awla, 16 ta' Mejju, 1961) li, "…..meta disposizzjoni testamentarja li ghandha tigi interpretata hija maghmula f'termini cari u li ma joffrux ruhhom ghal xi ambigwita`, ma hux lecitu ghal hadd li jaltera dawk it-termini bl-intromissjoni tax-xoghol tal gudizzju tieghu." Dan l-insenjament dejjem kien wiehed kostanti kemm qabel u kemm wara s-sentenza appena citata. Hekk l- istess inghad, per ezempju, fid-decizjoni in re: "Carmelina Mifsud et –vs– Matilde Pullicino et", Appell Civili, 13 ta' Gunju, 1888, fejn fiha gie ritenut li, "Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino."***[31]

Kompliet tghid dik il-Qorti:

***Dan ghaliex ghal fini ta' interpretazzjoni ta' l-intenzjoni ossia volonta` tat-testaturi, meta l-kliem huwa car u mhux ambigwu , "e` necessario riconscerla nelle stesse parole e non immaginarla, o crearla, e quindi non si deve indagare quale sarebbe stata la migliore disposizione in astratto, ma limitarsi all'esame della volonta` espressa." (Ara appell Civili Mallia et –vs– Falzon et, decizjoni moghtija fl-24 ta' April, 1884).***[32]

Fuq l-istess vena kienet is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet**: Mary Rose Mifsud vs Avukat Dottor Joseph Bartolo (App. Civili. Nru. 2175/1997/1)** deciza fis-16 ta' april 2004 per S.T.O. Vincent De

[31] Pagna 11 u 12 tas-sentenza.
[32] Pagna 13 tas-sentenza.

Gaetano flimkien mal-Onorevoli Imhallef Albert J. Magri u l-Onorevoli Imhallef Anton Depasquale fejn intqal:

***Bhala regola generali l-ligi in materja tiddisponi li "Kull disposizzjoni ta' testment, sew jekk tkun saret taht l-isem ta' istituzzjoni ta' werriet, sew taht l-isem ta' legat, kemm ukoll taht kull isem iehor, ghandha effett, basta" jkompli l Artikolu 683 tal-Kap 16 "li tkun imfissra b'mod li l-volonta` tat-testatur tista' tigi maghrufa, u ma tkunx kuntrarja ghad disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici." Il-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u b'rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll l gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tghawweg dak li fil-verita` ried it testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghata effett.***[33]

Imbaghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet**: Nutar Albert E. Micallef et vs Marietta Tonna** deciza fit- 30 ta' Ottubru 1950 per S.T.O. Prim Imhallef Dr. Sir George Borg flimkien mal-Onorevoli Imhallef L.A. Camilleri u l-Onorevoli Imhallef A.J. Montanaro Gauci kien ukoll iddikjarat:

***Meta ir-rieda tat-testatur hija cara ma hemmx lok ta' interpretazzjoni imma meta jkun hemm bzonn interpretazzjoni triq tittiehed in konnessjoni mad-disposizzjonijiet testamentarji.***

[33] Pagna 8 tas-sentenza.

Finalment fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet: **Angela Debono vs Rosaria Falzon et.** deciza fl-4 ta' Marzu 1963 per S.T.O. Prim Imhallef Prof. Sir. Anthony J. Mamo flimkien mal-Onorevoli Imhallef A.J. Montanaro Gauci u l-Onorevoli Imhallef W. Harding gie enuncjat:

***F'materja ta' interpretazzjoni ta' testmenti l-Imhallef ghandu lattitudni kbira ta' apprezzament, hu ghandu jistudja l-vera volonta' tat-testatur, u, biex jikkonstataha, jikkonsulta l-kliem u l-ispirtu tad-disposizzjonijiet testamentarja, billi jaghti prevalenza lill-ispirtu fuq il-kliem, jew jaghti l-prevalenza lill-kliem meta l-intenzjoni tat-testatur ma tkunx cara u thalli xi dubbju. S'intendi, l-Imhallef ma ghandux, taht paravenza ta' interpretazzjoni, jikkrea volonta' ohra minflok dik interpretata, u lanqas jiznatura l-vera volonta' tat-testatur.***

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti jidhrilha li huwa ukoll importanti ghall-ezami tal-vertenza li tezamina l-kronologija tal-fatti li fl-opinjoni taghha jistghu jitfghu dawl fuq ir-rieda vera u ahharija tad-disposizzjonijiet testamentarji ta' Bernard Borg.

Grazzia Borg mietet fil 21 ta' Dicembru 1963 filwaqt li Bernard Borg miet fid-19 ta' Frar 1978, jigifieri kwazi hmistax (15)- il sena wara martu. Huma kellhom wild, Giovanni Maria Borg, li pero' miet qabilhom, ossija, fit-12 ta' Settembru 1956.

Bernard u Grazzia Borg kienu ghamlu testment *unica carta* nhar l-24 ta' Ottubru 1953 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi, jigifieri bejn wiehed u iehor ghaxar (10) snin qabel il-mewt ta' Grazzia Borg. Dan it-testment ta' sitt (6) pagni huwa dettaljat u mirqum.[34]

Fit-3 ta' Novembru 1970 l-imsemmi Bernard Borg ghamel testment iehor ghand l-istess nutar. Jigifieri tmien (8) snin wara il-mewt ta' martu u tmien (8) snin qabel mewtu.[35] Dan kien l-unika testment li sar minn Bernard Borg wahdu fejn hu ikkonferma t-testment li kien ghamel ma' martu pero' dehrlu li kellu jippreciza xi affarijiet versu bintu Angela Xerri, it-tfal tal-mejjet Giovanni Maria Borg[36] kif ukoll fil-konfront ta' bintu Maria Borg[37]. Mill-bqija ikkonferma t-testment unica carta li kien ghamel ma' martu tal-24 ta' Ottubru 1953.

**Hadd mill-partijiet mhu qed jattakka l-kontenut u l-awtenticita' ta' dawn iz-zewg testmenti u allura l-partijiet qed jaccettaw ukoll illi dawn huma r-rieda espressa kemm ta' Grazia Borg kif ukoll ta' Bernard Borg. Il-Qorti b'hekk thoss li ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni ta' dawn it-testmenti li fil-mori tal-kawza jidher li anki l-interpretazzjoni taghhom ma gietx missielta mill-partijiet u ghalhekk kif hu kostatament ripetut mill-gurisprudenza nostrana u in vista ukoll tal-mod kif inhuma miktuba l-istess testmenti il-Qorti tqis illi ghandha taghti effett lid-disposizzjonijiet testmentarji hemm kontenuti. Il-Qorti jidhrila li anki meta wiehed jara b' mod oggettiv is-snin meta saru dawn it-testmenti, it-trapass taz-zmien bejn il-mewt tal-konjugi Borg u d-disposizzjonijiet testamentarji, f' mohh din il-Qorti huwa carissimu li Bernard Borg hass**

[34] Folio 9 sa 14 tal-process.
[35] Folio 15 u 16 tal-process.
[36] L-Ewwel Artikolu.
[37] It-Tieni Artikolu.

**li jkun gust u ekwu li jikkoregi u jiccara xi punti tat-testment unica carta li kien ghamel diversi snin qabel ma' martu biex b'hekk skond hu l-affarijiet ikunu aktar gusti. Infatti fl-ahhar testment tieghu, Bernard Borg ma iccarax l-affarijiet biss in relazzjoni ma' Angela Xerri, izda ukoll iccara l-fatt tal-ghoxrin (20) Sterlina li kien baghat lil Giovanni Maria Borg kif ukoll il-flus li seta' kien hemm fil-pussess ta' bintu xebba Maria Borg.**

**Ikkunsidrat:**

Barra dak li diga' inaghad aktar 'l fuq, ossija dwar ir-rieda carissima tad-decujus Bernard Borg li ried li ghal dak li jirrigwarda BISS il-valur tal-fond fi Triq l-Mithna l-Qadima, Nadur, Ghawdex li gie moghti b' dota lil Angela Xerri ghandu jghodd il-valur tieghu f'dak iz-zmiem meta dan inghata lilha, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: **Carmelo sive Charles Calleja et vs Saviour Grima** ( Rik. Nru. 203/13/1) deciz fil- 21 ta' Lulju 2021 per S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti flimkien mal-Onorevoli Imhallef Joseph R. Micallef u l-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia fejn ikkonfermat dik il-parti tas-sentenza tal-prim istanza li qalet:

***Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali fl-20 ta` Marzu 2014 fil-kawza "Loreta Axiaq vs Maria Attard et" (liema sentenza kienet appellata) fejn inghad hekk :- "Minn naħa l-oħra taqbel mal-konvenuti li, għall-istess fini ta` komputazzjoni tal-legittima dovuta lill-attrici, il-valur ta` sehem Rosina Xuereb mill-art li fuqha bniet id-dar tagħha l-konvenuta Teresa Grima, u li kien gie mogħti lilha b`donazzjoni, m`għandux ikun dak stabilit mill-perit tekniku. L-artikolu 648(b) tal-Kap.16, kif kien jaqra qabel l-emendi tal-2004, jistipula illi : "imbagħad***

***għandhom jigu mgħaqqdin magħhom b`kalkolu biss, il-beni li t-testatur ikun ta b`donazzjoni … kwantu għall-ħwejjeg immobbli skont l-istat tagħhom fiz-zmien tad-donazzjoni u l-valur tagħhom fiz-zmien tal mewt tad-donatur." "Fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jiċċitaw l-artikolu 648(b) kif gie jaqra wara l-emendi imsemmija, imma kif kellha okkazzjoni tispjega din l-istess Qorti, kif ippreseduta, f`sentenza ricenti tagħha, l Att XVIII tas-sena 2004 li ntroduca diversi emendi għall-Kodici Civili, fl artikolu 116(2) li jirrigwarda d-disposizzjonijiet transitorji, jgħid li dawn l emendi "japplikaw dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikolu jinġiebu fis-seħħ." "Għalhekk fil-kaz presenti, billi d-decujus mietet fis-sena 2000, m`għandux japplika l-valur li kellu sehem Rosina Xuereb minn din l-art fl-epoka tal-istess donazzjoni, u cioe` ta` tmint elef lira maltija (Lm8000), kemm gie dikjarat li jiswa dan is-sehem fuq il-kuntratt relattiv, imma l-valur tiegħu fl-epoka tal-mewt tagħha." Fid-decizjoni taghha tas-6 ta` Mejju 2013 fil-kawza "Emanuel Borg et vs Maria Axiaq" din il-Qorti diversament presjeduta rreferiet ukoll ghall-Art 648(b) tal-Kap 16 fejn hemm spjegat li l-valur ta` beni li testatur ikun iddispona minnu b`donazzjoni ghandu jkun skond il-valur tal-beni fil-mument tad-donazzjoni. Hemm il-perit tekniku mahtur mill-Qorti kien ivvaluta l-art in kwistjoni li giet donata fiz-zmien li saret id-donazzjoni u dik il-Qorti imbaghad imxiet fuq l-istimi tal-perit tekniku.***[38]

Minn dan kollu isegwi li l-valur li ghandu jittiehed hu dak il-valur tal-fond kif kien 1951 ossija seba' mitt Lira Maltin (LM 700) illum ekwivalenti ghal elf u sitt mija u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56c)[39] skond kif kien stmat mill-perit tekniku A.&C.E. Emanuel Vella nhar it-18 ta' Novembru 1993.[40]

[38] Pagna 10 u 18 sa 22 tas-sentenza.
[39] LM 700 / 0.4293= Ewro 1,630.56c
[40] Folio 74 tal-process.

Il-Qorti pero ma tistax ma tikkumentax dwar jekk wasalx iz-zmien li din il-ligi tigi rivizitata in vista wkoll tal-fatt tad-diskrepanza enormi fil-valur tal-proprjeta kif zviluppa tul is-snin, b'dana illi dan qed jirrizulta ta' pregudizzju u detriment ghad-drittijiet tac-cittadin u dan bl-ghan li jintlahaq bilanc u ekwilibriju aktar gust u ekwu bejn kwalunkwe kontendenti. Ghal dan il-ghan il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-iskrivan tal-Kamra tal-Parlament kif ukoll lill-Kummissarju ghal-Ligijiet.

**Decide:**

**Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-vertenza billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-assi ta' Bernard u Grazia Borg huma dawk elenkati fit-testmenti taghhom datati 24 ta' Ottubru 1953 u dak tat-3 ta' Novembru 1970;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara li l-partijiet ghandhom jimxu strettament ma' dak li hemm imnizzel fit-testmenti ta' Bernard u Grazia Borg datati 24 ta' Ottubru 1953 u dak tat-3 ta' Novembru 1970;**

3. **Tilqa' it-tielet talba;**

4. **Tilqa' ir-raba' talba;**

5. **Tilqa' il-hames talba u tiddikjara li l-assi imsemmija ghandhom jinqasmu b' mod ugwali f'porzjonijiet ugwali bejn il-kondividenti,**

**ossija l-eredi ta' Gio Maria Borg, Angela Scerri, Rosa Falzon, Joseph Borg, Michael Borg;**

6. **Tilqa' is-sitt talba u tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dr. Maria Pisani sabiex tippubblika l-atti opportuni ta' likwidazzjoni u divizjoni u tinnomina lill-Avukat Dottor Joshua Grech sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci;**

7. **Tordna l-bejgh tal-beni imsemmija fit-testmenti rispettivi ta' Bernard u Grazia Borg in licitazzjoni, stante li mhux komodament divizibbli bejn l-eredi attwali u dan bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sa sena minn meta din is-sentenza issir definittiva.**

**Spejjez ta' din il-kawza jinqasmu nofs bil-nofs bejn il-partijiet u dan in vista li ma kien hemm l-ebda lok ghal xi interpretazzjoni ta' xi disposizzjoni testmentarja tal-imsemmija testmenti, l-partijiet, ossija l-aventi kawza tal-attrici u l-aventi kawza tal-intimati, setghu jilhqu kompromess bi ftit buon sens u rieda tajba matul is-snin minflok ma hlew hafna hin u rizorsi ta' dawn il-Qrati[41] u tas-sistema gudizzjarja ta' pajjizna.**

[41] Fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Costantino Muscat et vs Nazzareno sive Reno Muscat et** (App. Civili Nru. 592/1996/2) deciz nhar l- 1 ta' Ottubru 2004 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano flimkien mal-Onorevoli Imhallef Joseph D. Camilleri u l-Onorevoli Imhallef Joseph A. Filletti intqal is-segwenti: **Ghalkemm proceduralment ir-regola normali hija dik li l ispejjez gudizzjarji jithallsu mill-parti sokkombenti, hemm sitwazzjonijiet li jkunu tali li jissuggerixxu spartizzjoni ta' l ispejjez jew addirittura jkunu jimmeritaw kapovolgiment ta' din ir-regola bil-parti vincitrici ikkundannata thallas l ispejjez hi (hekk ara Koll. Vol.XXVI-I-173 u Vol XXXIX-I 342). Fi kliem iehor, il-Qorti ghandha dejjem id diskrezzjoni finali li tiggudika hi dwar il-kap ta' l-ispejjez skond il-fattispecie u l-implikazzjonijiet legali ta' kull gudikat. (pagna 14 tas-sentenza).**

**Il-Qorti tordna wkoll, ghar-ragunijiet aktar kmieni indikati, illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, lill-Kamra tal-Parlament u lill-Kummissarju tal-Ligijiet.**

**Il-Qorti tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza ghandha tinghata lill-partijiet u titpogga immedjatament fis-sistema digitali tal-Agenzija tal-Qrati.**

**Moghtija illum 07 ta' Novembru 2024 fil-bini tal-Qorti, Ghawdex.**

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Margaret Debattista

Assistent Registratur